MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Numru 423/2005

**Il-Pulizija**

**Spettur Silvio Valletta**

**V**

**SEAN ZAMMIT**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SEAN ZAMMIT** ta' tmintax is-sena bin George u Emanuela nee Zammit, imwieled Pieta nhar t-tletin ta' Novembru 1986 u residenti 46, 'Thank God', Triq z-Zahar, H'Attard, detentur tal-karta tal-identita numru 544686M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 2005 f'dawn il-Gzejjer ghal habta tat-tmienja ta' filghaxija, ikkommetta serq ta' vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCA 609 tal-ghamla Honda Civic waqt li kienet fi Triq x-Xatt, Gzira, liema serq hu kkwalifikat bil-hin, bil-mezz, bix-

xorta tal-haga misruqa u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin ghad-dannu ta’ Mark Felice mis-Swieqi;

2. Talli nhar d-disgha ta’ Mejju 2005, f’dawn il-Gzejjer, ghal habta tal-erbgha ta’ wara nofsinhar, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe basket li kien fih diversi dokumenti u flus minn fuq il-persuna ta’ Cardy Katherine ta’ nazzjonalita Ingliza waqt li kienet miexja fi Triq l-Imhar, San Pawl il-Bahar;

3. Talli fid-disgha ta’ Mejju 2005, f’dawn il-Gzejjer, ghal habta tal-hamsa neqsin ghoxrin ta’ wara nofsinhar, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe basket li kien fih diversi dokumenti u flus u telefon cellulari minn fuq il-persuna ta’ Dral Doreen ta’ nazzjonalita Germaniza waqt li kienet miexja fi Triq il-Knisja, San Giljan;

4. Talli fid-disgha ta’ Mejju 2005, f’dawn il-Gzejjer, ghal habta tal-hamsa w nofs ta’ wara nofsinhar, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe basket li kien fih diversi dokumenti u flus minn fuq il-persuna ta’ Barbara Falzon Rosemarie ta’ nazzjonalita Ingliza waqt li kienet miexja fi Triq Annibale Preca, Hal Lija;

5. Talli fid-disgha u fl-ghaxra ta’ Mejju 2005, f’dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta’ numri ta’ registrazzjoni minn vettura tal-ghamla Fiat Panda bin-numru ta’ registrazzjoni KBG 812, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-dannu ta’ Shirley Anne Brincat minn B’Kara;

6. Talli nhar l-ghaxra ta’ Mejju u fix-xhur ta’ qabel xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex jbieghhom jew jmexxihom;

7. Talli nhar l-ghaxra ta’ Mejju 2005 u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih nniffsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz

billi wahhal sett ta' pjanci tar-registrazzjoni foloz bin-numru KBG 812 fuq vettura tal-marka Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni originali LCA 609;

8. Talli fl-istess dati u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal numru ta' registrazzjoni KBG 812 li jappartjeni lil vettura Fiat Panda fuq vettura tal-ghamla Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni LCA 609;

9. Talli nhar l-ghaxra ta' Mejju 2005 u fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli ghad-dannu ta' Mark Felice, liema hsara teccedi l-hames mitt lira maltin;

10. Talli nhar l-ghaxra ta' Mejju 2005, u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, saq vettura tal-marka Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni LCA 609 meta kien skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan u b'hekk sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datat wiehed u tletin ta' Mejju 2004;

11. Talli fl-istess dati u cirkostanzi saq vettura tal-marka Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni LCA 609 minghajr ma kien kopert b'polza t'assigurazzjoni ghal terzi persuni;

12. Talli nhar l-ghaxra ta' Mejju 2005 ghal habta tad-disgha ta' filghaxija saq vettura tal-marka Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni LCA 609 b'manjiera perikoluza u bla kont u kien ta' perikolu ghal terzi persuni;

13. Talli fit-tlieta w ghoxrin ta' April 2005 u fil-jiem ta' wara rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar hmistax ta' Lulju 2005 [fol 142] sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta ta' nhar l-erbatax ta' Dicembru 2005 [fol 158].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti tal-presentata nhar t-tnax ta' Mejju 2005 waqt l-ezami li sarlu mill-Qorti ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [fol 6].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Il-Qorti ezaminat l-akkuzi moghtija mill-Prosekuzzjoni u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-akkuza ta' ricettazzjoni nghatat mill-Prosekuzzjoni b'mod alternattiv ghal akkuzi ta' serq w ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv dik ta' ricettazzjoni, mill-liema akkuza tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri.

Semghet lil partijiet jittrattaw fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2006 dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'diversi serqiet li sehhew fil-perjodu ta' bejn t-tlieta w ghoxrin ta' April 2005 u l-ghaxra ta' Mejju 2005 w ghalhekk f'perjodu ta' sbatax il-jum, liema serqiet huma aggravati bil-mezz, bil-hin, bil-vjolenza, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur.

Illi minn naha l-ohra pero l-Qorti tinnota li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni tant li rregistra ammissjoni fl-ewwel appuntament moghti lilu.

Rat li hafna mir-res furtiva llum giet ritornata lil sidha legittimu.

Rat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 12 et seq tal-atti u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi f'erbgha okkazzjonijiet ohra meta nstab hati li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq terzi persuni u talli seraq minn xi residenzi w inghata diversi probations.

Illi l-Qorti ra li l-imputat ghandu biss ghoxrin sena pero dan nonostante ma jridtx jitghallem u qed iwebbes rasu li jibqa fit-triq tal-kriminalita.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, il-Qorti thoss li l-piena idoneja ghandha tkun dik ta' prigunerija effettiva.

Ghalhekk **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli 49, 50, 188, 189, 261(b)(c)(f)(g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 281, 284, 285, 325(1) u 289 tal-Kap 9, l-artikolu 59, 15(1)(a), 15(2)(3) tal-Kap 65, l-artikolu 3(1) tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddikjara li ssib lil imputat SEAN ZAMMIT hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, salv dik ta' ricettazzjoni mill-liema akkuza tastjeni li tiehu konjizzjoni ulterjuri, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' ghoxrin xahar.**

**Oltre dan tikkundanna lil imputat SEAN ZAMMIT jhallas multa ta' elfejn lira maltin u tordna l-iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal perjodu ta' sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 30 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------